# Il-familja: il-bażi u l-qofol tas-soċjetà

Il-familja, ta' liema xorta hi, hija l-ewwel post li persuna ssib ruħha fih malli titwieled; il-post fejn persuna tirċievi l-ewwel esperjenza u għarfien tal-ħajja tagħha, tifforma l-karattru u tiżviluppa b'mod ħolistiku.

Sa mill-1993, l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda ddikjarat f'riżoluzzjoni (A/RES/47/237) li l-**Jum Internazzjonali tal-Familja** għandu jiġi ċċelebrat fil-15 ta' Mejju ta' kull sena. Dan jirrifletti l-importanza li l-komunità internazzjonali tagħti lill-familja bħala n-nukleu naturali u fundamentali tas-soċjetà.

F'dan il-jum ma nistgħux nitilfu l-opportunità li nitkellmu dwar id-diversità f'tipi differenti ta' familja. Il-kunċett ta' familja huwa kunċett ħaj u dinamiku li jevolvi skont il-kultura u ż-żmien. Il-familja estiża magħmula minn mara, raġel u wlied flimkien ma' xi qraba oħra bħaz-zijiet u nanniet li jgħixu taħt saqaf wieħed, kienet l-aktar forma popolari f'soċjetajiet tradizzjonjali. Partikolarment, kienet tiddomina l-familja patrijarkali fejn ir-raġel ikun l-aktar membru dominanti, meqjus bħala l-kap tal-familja, għaliex ikun responsabbli li jieħu ħsieb l-għajxien tal-familja, waqt li l-mara kienet il-persuna li taħdem fid-dar tieħu ħsieb it-tfal, anzjani u tagħmel xogħol ieħor bħal fl-għelieqi u fit-trobbija tal-annimali.

Sadanitant matul is-snin rajna tibdil fid-demografija, fl-ekonomija, fil-politika, fit-teknoloġija, u fil-kultura li qiegħed iħalli l-effett tiegħu fuq il-funzjonijiet u l-irwoli tal-membri tal-familja. Fil-fatt, illum jekk inħarsu madwarna naraw mudelli differenti ta' familja rikonoxxuti b'mod ugwali fis-soċjetà.

Il-familja hija n-nukleu li sa minn età żgħira, it-tfal jitgħallmu jgħixu f'soċjetà li taċċetta d-diversità bbażata fuq ir-rispett u l-ugwaljanza. Għaldaqstant, irridu nitgħallmu ngħarfu r-realtà li s-soċjetà qiegħda tinbidel u nirrikonoxxu relazzjonijet familjari ġodda.

Il-familja tara ħafna sfidi matul is-snin. Dan l-aħħar il-membri tal-familja qegħdin isibuha diffiċli biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, fejn dan qiegħed jikkaġuna ħafna stress għall-membri kollha. Dan huwa riżultat tal-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu fiha llum. F'dan il-kuntest, id-Direttiva tal-UE dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li trid tiġi

implementata fl-Istati Membri sa Awwissu li ġej, se tgħin lill-ġenituri u lill-persuni li jindukraw biex jirrikonċiljaw aħjar il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja tagħhom.

Sfida oħra hi dik li mhux kulħadd jesperjenza l-ħajja tal-familja b'mod pożittiv. Nafu li n-numru ta' każijiet ta' vjolenza domestika qiegħed jiżdied; dan jista' jfisser abbuż fiżiku, sesswali, psikoloġiku, finanzjarju fost oħrajn. Għalkemm dan l-abbuż hu aktar magħruf li jsir fuq in-nisa u l-bniet, dan ma jeskludiex il-fatt li l-abbuż jeżisti wkoll fuq l-irgiel.

Fil-fatt, kważi terz (30%) tan-nisa li esperjenzaw vjolenza fiżika indikaw li l-aggressur kien qarib jew membru tal-familja (mhux is-sieħeb). Dan juri li f'kuntest usa', il-problema tal-vjolenza domestika tmur lil hinn mis-sieħeb immedjat għaliex l-aggressur jista' jkun xi membru ieħor tal-familja.[1] Dan l-abbuż isir fuq membri tal-familja ta' kull età minn tfal sa anzjani.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) ilha għal dawn l-aħħar snin tippromwovi miżuri favur il-familja kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fir-relazzjonijiet familjari sabiex tiffaċilita r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja. L-NCPE tagħti ċ-ċertifikazzjoni ta' Marka tal-Ugwaljanza (NCPE Equality Mark Certification) lill-kumpaniji/organizzazzjonijiet li jagħmlu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll il-ħarsien tal-impjegati mill-fastidju sesswali bħala parti integrali mill-valuri tagħhom. B'hekk jingħata għarfien u promozzjoni tal-potenzjal tal-impjegati kollha irrispettivament mill-ġeneru u mir-responsabbiltajiet familjari tagħhom.

Il-15 ta' Mejju huwa l-jum li matulu nfakkru s-sinifikat tal-familja li hija l-pedament tas-soċjetà. Għaldaqstant hemm bżonn li titrawwem l-ugwaljanza u r-rispett reċiproku fost il-membri kollha tal-familja sabiex tassew ikollna soċjetà b'saħħitha u ugwali.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200 jew billi tidħol fuq il-websajt [www.ncpe.gov.mt](www.ncpe.gov.mt)*

**27 ta' April 2022**

[1] fra-2014-vaw-survey-main-results-apr14_en.pdf (europa.eu)